MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 496/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charles Cini**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charles Cini talli fit-8 ta’ Dicembru 2009 ghall-habta ta’ 11.20 hrs fi Triq Sant’Andrija, limiti tan-Naxxar:

(1) waqt li kien qieghed isuq vettura numru KBI-383 qasam il-linja/i bojod kontinwi;

(2) saq vettura mhux fuq in-naha tax-xellug tat-triq;

(3) waqt li kien qieghed isuq l-imsemmija vettura naqas jaghmel sinjal meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni tieghu jew jaqbez vetturi ohra;

(4) saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;

(5) saq l-imsemmija vettura b'giri aktar milli jmissu.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Charles Cini jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru 2010 li biha, wara li rat ir-Regolamenti 75, 88 u 127 tal-A.L. 128/1994, ir-Regolament 2 tal-A.L. 94/1969 u l-artikolu 15(1)(a)(2) u t-Tieni Skeda tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Charles Cini hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' €117 fuq l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' €120 fuq ir-raba' imputazzjoni. Inoltre bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 skwalifikatu milli jkollu jew jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata;

**3.** Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Charles Cini pprezentat fit-23 ta' Novembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena, u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, f'kaz ta' konferma ta' htija illi timmodifika l-piena nflitta ghal wahda aktar fil-minimu li tkun ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet ix-xhieda; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-provi tal-prosekuzzjoni ma jwasslux sal-grad ta' prova rikjesta mil-ligi sabiex tkun tista' tinstab htija; (2) li ma gewx osservati l-proceduri stabbiliti fil-ligi ghar-rigward

tan-notifika lill-individwu dwar reat allegatament kommess kif provdut fil-Kap. 291 tal-Ligijiet ta’ Malta; (3) li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra, il-piena hi eccessiva.

**6.** Din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta t-tieni aggravju li permezz tieghu l-appellant jilmenta li ma gewx segwiti l-proceduri kontemplati fl-artikolu 14(1)(2) tal-Kap. 291 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-appellant jghid li din il-procedura kellha tigi segwita in vista tal-fatt li l-ewwel, it-tieni, it-tielet, u l-hames imputazzjonijiet jikkontemplaw kontravvenzjonijiet li jaqghu taht l-Iskeda fl-imsemmi Kap. 291. Issa, s-subartikoli (1) u (2) ta’ l-artikolu 14 tal-Kap. 291 jipprovdu:

**“(1) Minkejja kull ligi ohra li tipprovdi ghall-procediment u l-piena ghal reati, meta xi persuna taghmel reat li taht din il-ligi jew taht xi ligi ohra jkun gie dikjarat bhala reat fl-iskeda, ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li gejjin taht dan l-artikolu.”**

**(2) Kull ufficjal tal-Pulizija u kull ufficjal, awtorità jew persuna ohra li skond xi ligi kif issemma’ qabel ikunu responsabbli li jinfurzaw dik il-ligi, li fil-fehma taghhom ikun sar xi reat bhal dak, jistghu jaghtu lil min jaghmel ir-reat avviz li jkun fih deskrizzjoni generali tar-reat, il-penali li ghandha tithallas, il-post fejn tista’ tithallas din il-penali, iz-zmien li fih jista’ jsir dan il-hlas u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta’ hlas:**

**Izda jekk tkun giet uzata vettura bil-mutur, dghajsa jew oggett iehor biex isir ir-reat, dak l-avviz ghandu jitqieghed mal-windscreen jew parti ohra ta’ din il-vettura bil-mutur, dghajsa jew oggett ie]or:**

**Izda wkoll meta ma jkunx prattikabbli li jinghata avviz, jew li jigi mwahhal kif imsemmi qabel, l-avviz jista’ jigi notifikat lil min jikser il-ligi bl-istess mod bhal ma tista’ tigi notifikata tahrika skond l-artikolu 6.”**

**7.** Dak li l-ligi qed titkellem dwaru hawn jirrigwarda s-sistema komunement maghrufa bhala tat-*“tickets”*, cioe` fejn ufficjal responsabbli ghall-infurzar ta’ ligi li ghaliha tirreferi l-Iskeda annessa ma’ l-imsemmi Kap. 291 jaghti

*“ticket”* lill-individwu li, skond dak l-ufficjal, ikun kiser il-ligi. Fin-nuqqas li jinhareg *“ticket”*, l-avviz jigi notifikat lill-individwu b’tahrika. Fil-kaz in ezami evidentement ma nharigx avviz minn P.S. 785 A. Cassar peress illi l-imputazzjoni ta’ sewqan perikoluz huwa delitt u mhuwiex kopert mill-Iskeda msemmija. Fil-fatt il-*proviso* tas-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 3 ta’ l-imsemmi Kap. 291 – li jidher li sfugga ghal kollox lill-appellant – jipprovdi:

**“Izda l-Qorti tal-Magistrati jkollha gurisdizzjoni dwar kull reat imnizzel fl-Iskeda li l-akkuza dwaru titressaq ma’ akkuza ta’ xi reat iehor li dwaru l-imsemmija qorti jkollha gurisdizzjoni.”**

Ghalhekk it-tieni aggravju ta’ l-appellant huwa michud.

**8.** L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, f’dan il-kaz ghandna minn naha l-verzjoni ta’ P.S. 785 A. Cassar li fl-affidavit tieghu jispjega li fil-gurnata in kwistjoni ra l-vettura KBL-383 tinsaq fi Triq Sant’Andrija bi speed eccessiv, li s-sewwieq ma ghamilx sinjali biex jindika l-intenzjoni tieghu meta qieghed jaqla’ vetturi, li qasam il-linji bojod kontinwi u saq il-vettura tieghu fuq in-naha l-ohra tat-triq, u li s-sewqan kien perikoluz ghax kienu ghaddejjin vetturi fid-direzzjoni opposta. Mill-banda l-ohra ghandna lill-appellant u lil Daria Rasnichenko (li kienet passiggiera mieghu) li jichdu dan kollu. L-appellant jichad li ghamel manuvra ta’ sorpass u jichad li saq b’velocita eccessiva stante li fin-nizla lejn Bahar ic-Caghaq hemm *speed camera* u ma rcieva l-ebda *ticket* dwar velocita` eccessiva. Daria Rasnichenko qalet li ghalkemm qabel ma waslu ghall-*ispeed camera* l-appellant naqqas il-velocita`, ghaliha anke qabel kienu ghaddejjin taht is-sittin k.f.s. Pero` mbaghad l-appellant u x-xhud tieghu ma jaqblux dwar il-post fejn P.S. 785 waqqafhom. L-appellant jghid tul ta’ tliet karozzi x’hin taqbez il-*camera* ghan-nizla, filwaqt li Daria Rasnichenko tghid fit-tarf tan-nizla hdejn il-*bus stop*. Dawn huma dettalji li jgieghlu lil din il-Qorti tiddubita l-affidabilita` tax-xiehda ta’ l-appellant u x-xhud tieghu. Din il-Qorti ssaqsi wkoll kemm huwa kredibbli li persuna tkun qed issuq b’anqas

minn sittin k.f.s. qabel *speed camera* u tkompli tnaqqas il-velocita` kif tasal ghall-*camera*.

**9.** L-appellant jargumenta li ma ngabet ebda prova li l-mutur li kien qieghed isuq P.S. 785 kien mghammar bi *speedreader*, u lanqas x'tip ta' *speedreader* kien, kif ukoll li ma ngabet ebda prova li l-qari kien disgha u disghin k.f.s. Huwa minnu li ma ngabitx prova dwar it-tip ta' *speedreader*, izda l-affidavit ta' P.S. 785 jikkostitwixxi prova li l-mutur tieghu kien hekk mghammar kif ukoll li huwa ha qari ta' 99 k.f.s. minn fuqu. Din il-Qorti fil-fatt, bhall-ewwel Qorti, taghti aktar kredibilita` lill-verzjoni ta' P.S. 785. Fejn ghandha dubju huwa dwar l-imputazzjoni ta' sewqan perikoluz. L-ewwelnett fl-affidavit tieghu P.S. 785 ma jindikax f'liema parti ta' Triq Sant'Andrija huwa ra l-manuvrar ta' l-appellant. Din it-triq hi triq twila. F'partijiet hi wiesa' hafna u f'partijiet ohra tidjieq xi ftit. Hemm partijiet minnha fejn hemm kurvi u ohrajn dritti. Hemm partijiet fejn huwa permess sewqan bil-velocita` massima ta' tmenin k.f.s.

**10.** Issa, fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157) intqal:

**"<u>Sewqan traskurat</u> *(negligent driving)* hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. <u>Sewqan bla kont</u> hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it--tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. <u>Sewqan perikoluz</u> *(dangerous driving)* jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal**

**terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw iddisposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara *The Police vs Charlotte Chamberlain*, Appell Kriminali, 21/5/96)".**

**11.** U kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

**"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' *'degree'* (App. Krim. *Pul. vs Charles Bartolo***, 14.3.59, ***Pol. vs Wilson*** [Vol. XXXIX iv. 1018] u ***Pul. vs Alfred Vella* [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. *Pul. vs Hardingham*, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' *'recklessness'* (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). *'Recklessness'* giet definita bhala *'wilfully shutting one's eye'* (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])."**

**12.** Din il-Qorti hi tal-fehma li hija mankanti l-prova li l-appellant saq b'manjiera perikoluza. Hi mankanti l-prova li kien *reckless* fis-sewqan tieghu. M'hemmx prova li ssorpassa xi vetturi f'xi kurva fit-triq jew li meta kien qieghed hekk jissorpassa xi vetturi huwa fixkel b'xi mod it-traffiku li kien qieghed jissorpassa jew dak li seta' kien gej

mid-direzzjoni opposta. Fuq kollox m'hemmx prova cara li meta ghamel manuvra ta' sorpass huwa invada kompletament il-karreggjata opposta. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonferma l-htija dwar ir-raba' imputazzjoni, cioe` li saq b'manjiera perikoluza. Mill-banda l-ohra din il-Qorti tirravviza element ta' traskuragni u ghalhekk l-appellant se jigi dikjarat hati ta' sewqan traskurat, reat li huwa kompriz u nvolut fir-reat ta' sewqan perikoluz.

**13.** L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. Naturalment in vista tal-konkluzjoni raggunta minn din il-Qorti, sejjer ikun hemm temperament fil-piena. Barra minn hekk l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet ghandhom jitqiesu assorbiti fir-reat ta' sewqan traskurat.

**14.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' sewqan perikoluz skond ir-raba' imputazzjoni u minflok issibu hati ta' sewqan traskurat, tikkonferma s-sejbien ta' htija dwar l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet izda tiddikjara dawn l-imputazzjonijiet assorbiti fir-reat ta' sewqan traskurat, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' €117 dwar l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet, in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' €120 dwar ir-raba' imputazzjoni u in kwantu skwalifikatu milli jkollu jew jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur millum, u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitt euro (€100) u, a tenur ta' l-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifikah mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghal tmint ijiem minn nofs il-lejl tallum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------